MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 514/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Paul Micallef**

**Illum 27 ta' Lulju, 2012**
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-13 ta' Mejju, 2010 u/jew fil-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu ghasfur jew ghasafar li huma mharsa bil-ligi u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(e) L.S. 435.68 kif sussegwentement emendat.

Akkuzat ukoll talli ghamilha ta' balzmatur minghajr licenzja tal-Awtorita` Kompetenti.

Akkuzat ukoll talli sar recediv b' senetneza datata 6 ta' Gunju, 2007, Mag. Dr. A. G. Vella, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi tordna is-sospensjoni tal-licenzji tal-kacca tal-imputat ghal mhux inqas minn sena kif ukoll tikkonfiska l-oggetti ezebiti.

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Novembru, 2010, l-Qorti, sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi u kkundanntu multa ta' elf ewro (€1000) kif ukoll ordnat il-konfiska tal-esemplari esibiti.
Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fid-29 ta' Novembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-esponent qatt ma seta jigi misjub hati ta' reati mhux pruvati, li anzi ghall-kuntrarju, ix-xhieda mressqa mill-prosekuzjoni turi l-oppost.

2. Illi l-esponent innifsu kien il-vittma ta' ftittixijiet abbuzivi u kontra l-ligi fil-propjeta` teighu, minn liema tfittixijiet illegali irrizulta biss li l-esponenti kellu kollox skond il-ligi.

Ikkunsidrat :
L-appellant qed jigi addebitat bil-ksur tar-regolamenti dwar il-protezjoni tal-ghasafar.
Irrizulta mill-provi illi fit-13 ta' Mejju, 2010 ghall-habta tas-7.00 ta' filghodu PC 1030 C. Theuma u PC 879 J. Galea kienu qeghdin jaghmlu r-ronda fl-inhawi tal-Wied il-Kbir, limiti tal-Handaq u hemmhekk gie nutat mutur ipparkjat fil-genb u fuqu kien hemm baskett. Kienu marru f'dawk l-inhawi l-ghaliex gie rrapurtat xi attivita` tal-kacca minkejja li l-istagun kien maghluq. Wara xi ftit gie l-appellant u peress li l-Pulizija kellha suspett illi dan kien qieghed

ghall-kacca ordnawlu jiftah il-baskett. Ghamel hekk u go fih kien hemm tlett ghasafar illi kienu protetti bil-ligi. L-appellant ammetta maghhom illi kienu ghandu biex jibbalzmahom ghal haddiehor. Peress illi l-Pulizija kellhom suspett qawwi li fir-residenza tieghu l-appellant kellu xi ghasafar ohrajn, marru jaghmlu tfittixja hemmhekk bbl-assistenza ta' PS 259 izda ma rrizulta xejn illegali. L-appellant qalilhom illi x-xoghol ta' l-ibbalzmar jaghmlu fil-garage li huwa ftit il-boghod mid-dar tieghu. Il-Pulizija u l-appellant marru fil-garage u hemmhekk instabet kamra armata sew biex isir l-ibbalzmar fiha. Dak iz-zmien l-appellant ma kellux permess sabiex jibbalzma l-ghasafar. Stanley Gatt xehed illi fit-13 ta' Mejju 2010 ezamina tajr illi gie moghti lilu mill-Pulizija wara li dawn it-tajr gew sekwestrati mill-appellant, gharaf dawn it-tlett ghasafar bhala « night harren », « green shank » u « green sandpiper » li huma kollha ghasafar protetti mill-ligi. Il-kondizzjoni taghhom kienet tindika illi l-ghasafar inqatlu f'dawk l-ahhar tnax il-siegha u kollha kellhom « gunshot wounds » fuqhom. Waslu ghand is-sur Gatt f'kondizzjoni tajba ghall-ibbalzmar u ghalhekk ikkonkluda illi gew maqtula dak inhar stess.

Legalment l-ghasafar ma setghux jigu bbalzmati la huma protetti u l-licenzja tal-ibbalzmar tinghata biss ghal dawk it-tajr illi jistghu jigu ikkacjati li jidhru fit-Tieni Skeda tar-Regolamenti.

Dak inhar l-appellant ma kellux licenzja biex jibbalzma ghasfar protetti. Fil-fatt inhargitlu licenzja sabiex jibbalzma fis-16 ta' Dicembru 2011.

L-appellant argumenta illi Stanley Gatt qatt ma ra t-tajr protett fil-pussess tieghu. Saret tfittxija fid-dar u fil-garage ma nstab xejn illegali.

Il-Pulizija qalu illi l-appellant kien fl-ghalqa tieghu u ghalhekk ma hemm l-ebda kollegament bejn it-tajr u l-appellant. Terga w tghid l-appellant ma kellux snieter mieghu u dawn kienu d-dar maqfulin.

Ikkunsidrat :

Kuntrarjament ghal dak argumentat mill-appellant il-Qorti jidhrilha li hemm kollegament dirett bejn l-ghasafar protetti maqtula u l-appellant.

Il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi l-ghasafar instabu u gew elevati mill-pussess tal-appellant. Fil-fatt dak inhar stess tat-13 ta’ Mejju 2010 inhargitlu ircevuta tal-ghasafar sekwestrati (fol. 5), liema ghasafar instabu go baskett proprjeta` tal-appellant. Dan tal-ahhar ma nnegax il-provenjenza tal-ghasafar, qal biss illi kienu ta’ terzi u li kienu qeghdin ghandu sabiex jibbalzmahom. Terga` u tghid, kien l-istess appellant illi ha l-Pulizija fil-garage u ghad li go fih ma kienx hemm ghasafar illegali pero` kien jidher armat sew ghas-sengha ta’ bbalzmar.

Ghalhekk meta l-Qorti tabbina dak illi qal l-appellant ma dak illi sabu l-Pulizija ssib illi l-appellant kien fil-pussess ta’ ghasafar protetti bl-iskop tal-ibbalzmar kif irrizulta waqt tfittxija fil-garage tal-appellant illi kien armat ghal xoghol tal-ibbalzmar. Kwindi dawna jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda illi l-appellant kien f’dan ix-xoghol minkejja illi ma kellux licenzja biex jaghmel dan.

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Bhalma diga` inghad dik il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti u dik il-Qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz li din is-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------